



EUROPEAN COMMISSION

Directorate-General for Internal Market, Industry, Entrepreneurship and SMEs
Single Market Enforcement
Notification of Regulatory Barriers

In-Numru tan-Notifika : 2016/0647/RO (Romania)

Deċiżjoni tal-Gvern li tistabbilixxi l-kundizzjonijiet għall-kummerċjalizzazzjoni tal-prodotti għall-bini

Data tal-wasla : 12/12/2016

Tmiem tal-Waqfien : 13/03/2017 (closed)

Message

Messaġġ 002

Komunika mill-Kummissjoni - TRIS/(2016) 03760

Direttiva (UE) 2015/1535

Traduzzjoni tal-messaġġ 001

Notifika: 2016/0647/RO

No abre el plazo - Nezahajuje odklady - Fristerne indledes ikke - Kein Fristbeginn - Viivituste perioodi ei avata - Καμμία έναρξη προθεσμίας - Does not open the delays - N'ouvre pas de délais - Non fa decorrere la mora - Neietekmē atlikšanu - Atidėjimai nepradedami - Nem nyitja meg a késéket - Ma' jiftaħ il-perijodi ta' dawmien - Geen termijnbegin - Nie otwiera opóźnień - Não inicia o prazo - Neotvorí oneskorenia - Ne uvaja zamud - Määräaika ei ala tästä - Inleder ingen frist - He ce предвижда период на прекъсване - Nu deschide perioadele de stagnare - Nu deschide perioadele de stagnare.

(MSG: 201603760.MT)

1. MSG 002 IND 2016 0647 RO MT 12-12-2016 RO NOTIF

2. RO

3A. Ministerul Economiei, Comerțului și Relațiilor cu Mediul de Afaceri - Direcția Afaceri Europene

Calea Victoriei nr.152, Sector 1, București, cod 010096;

Telefon 004 0212025242, 004 0212025359 Fax 004 0212025245

E-mail: reglementari_tehnice@economie.gov.ro; ionut_ciobanoiu@economie.gov.ro

3B. Ministerul Dezvoltării Regionale și Administrației Publice

Direcția Generală Dezvoltare Regională și Infrastructură

Str.Apolodor nr.17, Sector 5 București;

Telefon 0372.114.599;

E-mail : andreea.dumitrescu@mdrap.ro

4. 2016/0647/RO - B10

5. Deċiżjoni tal-Gvern li tistabbilixxi l-kundizzjonijiet għall-kummerċjalizzazzjoni tal-prodotti għall-bini

6. Minħabba l-fatt li d-Deċiżjoni tal-Gvern Nru 622/2004 hija att regolatorju li jittrasponi d-Direttiva tal-Kunsill Nru 89/106/KEE u li ġie rrevokat bir-Regolament (UE) Nru 305/2011, il-kontenut tad-Deċiżjoni tal-Gvern m'għadux jissodisfa r-rekwiżiti attwali għall-kummerċjalizzazzjoni tal-prodotti għall-bini.

B'kunsiderazzjoni tal-fatt li r-Regolament (UE) Nru 305/2011 japplika b'mod dirett u ma jinkludix kapitolu dwar is-sanzjonijiet u l-miżuri sabiex jiġu evitati jew imnaqqsa r-riskji li jistgħu jiġu kkawżati minn prodotti għall-bini li mhumiex konformi, dan l-att regolatorju jinkludi kapitolu dwar il-kontravvenzjonijiet u s-sanzjonijiet, li huwa assolutament neċessarju sabiex jiġu eżerċitati attivitajiet ta' monitoraġġ tas-suq tal-prodotti għall-bini.

Dan l-att regolatorju jirregola l-kummerċjalizzazzjoni tal-prodotti għall-bini kemm fil-qasam kopert mill-ispeċifikazzjonijiet



EUROPEAN COMMISSION

Directorate-General for Internal Market, Industry, Entrepreneurship and SMEs
Single Market Enforcement
Notification of Regulatory Barriers

tekniki mhux armonizzati kif ukoll fil-qasam li fih m'hemmx speċifikazzjonijiet tekniki fis-seħħ, fejn il-qasam kopert mill-ispeċifikazzjonijiet tekniki armonizzati huwa soġġett għar-Regolament (UE) Nru 305/2011.

Għall-qasam fejn m'hemmx speċifikazzjonijiet tekniki fis-seħħ, il-prodotti għall-bini jiġu kkummerċjalizzati akkumpanjati minn approvazzjonijiet tekniki għall-bini.

Il-Kunsill Tekniku Permanenti għall-Bini, korp mingħajr personalità ġuridika li huwa affiljat mal-Ministeru għall-Iżvilupp Reġjonali u l-Amministrazzjoni Pubblika (MDRAP), jendorsja u japprova l-approvazzjonijiet tekniki għall-bini.

Dan l-abbozz tad-Deċiżjoni tal-Gvern jistipula wkoll li s-Segretarjat Tekniku tal-Kunsill Tekniku Permanenti għall-Bini, li attwalment iwettaq l-attivitajiet tiegħu fi ħdan l-Istitut Nazzjonali għar-Riċerka u l-Iżvilupp fil-Bini, l-Ippjanar Urban u l-Iżvilupp Territorjali Sostenibbli (URBAN-INCERC), għandu jiġi ttrasferit u integrat fi ħdan l-istruttura organizzazzjonali tal-MDRAP.

7. -

8. Dan l-att regolatorju jstabbilixxi l-kundizzjonijiet għall-kummerċjalizzazzjoni tal-prodotti għall-bini, jinkludi kapitolu dwar is-sanzjonijiet u l-miżuri sabiex jiġu evitati jew jitnaqqsu r-riskji li jistgħu jiġu kkawżati minn prodotti għall-bini li mhumiex konformi u huwa indirizzat lill-manifatturi ta' materjali għall-bini, ir-rappreżentanti awtorizzati tagħhom, l-importaturi, id-distributuri u korpi oħra li jikkontribwixxu għall-ħolqien, id-disinn, l-approvazzjoni, l-eżekuzzjoni, l-aċċettazzjoni, l-użu u wara l-użu tal-istrutturi tal-bini li fih huma inklużi l-prodotti għall-bini, kif ukoll lill-awtoritajiet responsabbli mill-monitoraġġ tas-suq tal-prodotti għall-bini.

Dan l-abbozz tad-Deċiżjoni tal-Gvern jistipula wkoll li s-Segretarjat Tekniku tal-Kunsill Tekniku Permanenti għall-Bini, li bħalissa jwettaq l-attivitajiet tiegħu fi ħdan l-URBAN-INCERC, għandu jiġi integrat fi ħdan l-istruttura organizzazzjonali tal-MDRAP.

Il-Kunsill Tekniku Permanenti għall-Bini, korp mingħajr personalità ġuridika affiljat mal-MDRAP, jendorsja u japprova l-approvazzjonijiet tekniki fil-bini, filwaqt li s-Segretarjat Tekniku tal-Kunsill Tekniku Permanenti għall-Bini huwa responsabbli mill-loġistika tal-Kunsill u mill-attivitajiet amministrattivi.

Fil-"Kapitolu VI Kontravvenzjonijiet u sanzjonijiet", l-Artikolu 28(1)(f) isemmi l-Anness V tad-Deċiżjoni tal-Gvern Nru 766/1997 li tapprova ċerti regolamenti dwar il-kwalità fil-bini, li kien is-suġġett tan-Notifika Nru 2016/0646/RO.

Kliem muftieħ: kummerċjalizzazzjoni, prodotti għall-bini, miżuri preventivi

9. Dan l-abbozz tad-Deċiżjoni tal-Gvern:

- jintroduċi l-frażi "korpi responsabbli mill-valutazzjoni tal-konformità tal-prodotti għall-bini għandhom jiġu akkreditati minn korp nazzjonali ta' akkreditament fis-sens ta' u skont id-dispożizzjonijiet tar-Regolament (KE) Nru 765/2008" li jggarantixxi l-aċċettazzjoni reċiproka tal-livell ta' kompetenza ta' korpi ta' valutazzjoni tal-konformità fl-Istati Membri, u għalhekk jiżgura l-moviment liberu tal-merkanzija fis-suq intern tal-Unjoni Ewropea;

- jintroduċi l-frażi "l-assaġġi jew it-testijiet meħtieġa sabiex tinħareġ approvazzjoni teknika għall-bini għandhom isiru f'laboratorji akkreditati skont l-SR ISO/IEC 17025:2005 u l-SR ISO/IEC 17025:2005/AC:2007 minn korp nazzjonali ta' akkreditament fis-sens ta' u skont id-dispożizzjonijiet tar-Regolament (KE) Nru 765/2008, għall-assaġġi jew it-testijiet stipulati fl-ispeċifikazzjonijiet tekniki mhux armonizzati applikabbli/l-approvazzjoni teknika rispettiva" u jħalli f'idejn il-korpi ta' valutazzjoni tal-konformità jew il-korpi responsabbli mill-ħruġ tal-approvazzjonijiet tekniki għall-bini sabiex jagħżlu dawn il-laboratorji;

- jintroduċi l-frażi "il-korpi responsabbli mill-valutazzjoni tal-konformità tal-prodotti għall-bini maħtura mill-MDRAP, li huma l-korpi responsabbli mill-valutazzjoni tal-konformità tal-prodotti għall-bini li huma akkreditati minn korp nazzjonali ta' akkreditament fis-sens ta' u skont id-dispożizzjonijiet tar-Regolament (KE) Nru 765/2008"; l-MDRAP għandu jippubblika fuq is-sit web speċjalizzat tiegħu u minn żmien għal żmien jaġġorna l-lista tal-korpi nazzjonali responsabbli miċ-ċertifikazzjoni tal-konformità tal-prodotti għall-bini u l-kategoriji tal-prodotti għall-bini li għalihom huma akkreditati;

- jirregola s-sikurezza tal-prodotti għall-bini f'kuntatt ma' ilma tajjeb għax-xorb billi jintroduċi l-frażi "id-dikjarazzjoni tal-prestazzjoni mħejjija mill-manifattur tal-prodotti għall-bini f'kuntatt ma' ilma tajjeb għax-xorb għandha tkun akkumpanjata minn permess sanitarju/notifika maħruġa mill-Istitut Nazzjonali għas-Saħħa Pubblika";

- jirregola s-sikurezza tal-prodotti għall-bini fir-rigward ta' sustanzi perikolużi jintroduċi l-frażi "id-dikjarazzjoni tal-prestazzjoni mħejjija mill-manifattur għall-prodotti għall-bini li fihom sustanzi perikolużi inklużi fil-lista pprovduta fir-Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-reġistrazzjoni, il-valutazzjoni, l-awtorizzazzjoni u r-restrizzjoni ta' sustanzi kimiċi (REACH), kif sussegwentement emendat, għandha tiġi akkumpanjata



Directorate-General for Internal Market, Industry, Entrepreneurship and SMEs
Single Market Enforcement
Notification of Regulatory Barriers

- jistipula l-miżuri għar-riorganizzazzjoni tas-Segretarjat Tekniku tal-Kunsill Tekniku Permanenti għall-Bini billi jintegrah fi
ħdan l-istruttura organizzazzjonali tal-MDRAP.

email: grow-dir83-189-central@ec.europa.eu